MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Numru 14/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Salvatore sive Saviour Bugeja

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 14 tas-sena 2002, kontra l-akkuzat Salvatore sive Saviour Bugeja li bih huwa gie akkuzat talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi tard filghaxija ta' nhar it-Tlieta, tmienja w ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn, nirien kbar hakmu l-entratura ghar-residenza ta' Joseph Gafa fil-fond bl-isem ta' "Dar Katrina", Triq il-Kajjik, Marsaxlokk, f'hin meta gewwa l-istess residenza kien hemm Joseph Gafa w membri tal-familja tieghu. Ghalkemm in-nirien lahqu kkagunaw hsarat kbar, fortunatament, l-istess**

**nirien gew ikkontrollati minn membri tat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar. Minnufih, il-Pulzija bdiet tinvestiga l-kaz.**

**Naturalment, l-ewwel li gie mitkellem kien propju l-istess Joseph Gafa. Minn dan l-istharrig, il-Pulizija bniet suspett ragonevoli fuq certu Saviour Bugeja, anke peress li kien gie stabilit li l-kawza tan-nirien ma kienitx wahda accidentali, imma wahda volontarja ta' agent, jigifieri azzjoni volontarja ta' terza persuna.**

**Kien ghalhekk li l-Pulizija, dakinhar u fil-jiem ta' wara, accedew fil-post ta' Saviour Bugeja gewwa r-residenza tieghu z-Zejtun, fejn instab fil-garaxx tieghu. Hemm gew kien hemm il-vettura unika tieghu Peugeot bin-numru BAH-431 tal-ghamla Diesel. Fl-istess garaxx instab ukoll par papocc li l-istess Saviour Bugeja kien libes hin qabel. Il-Pulizija elevat l-istess par papocc peress li qajjmilhom suspett kbir minhabba li kien milbus par kalzetti bhala "overshoes", li kienu mxarrbin fil-qiegh, kellhom xi "grit" u, fuq kollox, kellhom riha ta' petrol. Barra minn hekk, il-makna tal-vettura ta' Bugeja kienet ghadha pjuttost shuna.**

**Minn analizi li ghamel l-espert nominat ghalhekk mill-Magistrat Inkwirenti, rrizulta li fil-fatt dak il-papocc kellu tracci ta' petrol. Mhux biss, imma talli l-Pulizija rnexxielha tistabilix ukoll li fil-hin stmat li l-entratura ghar-residenza ta' Gafa nghatalha n-nar, l-imsemmi Bugeja kien f'dawk l-akkwati. Ukoll, Saviour Bugeja ma offra ebda spjegazzjoni ragonevoli w konvincenti dwar kif tracci ta' petrol kienu jinsabu fil-qiegh tal-papocc li allura kien liebes.**

**Minn aktar indagni li ghamlet il-Pulizija, rrizulta li Saviour Bugeja w Joseph Gafa kienu ilhom miksurin zmien twil. Ir-ragunijiet kienu diversi, uhud minnhom li kellhom x'jaqsmu mal-fatt ukoll li Joseph Gafa kien l-imghallem ta' Saviour Bugeja fuq il-post tax-xoghol gewwa d-Drydocks.**

**Gara wkoll li jiem wara l-kaz, l-istess Bugeja kien ammetta direttament ma' Gafa li kien huwa stess (cioe' Bugeja) li kien ta in-nar lill-entratura tar-residenza ta' Gafa.**

**Fuq dawn ir-rizultanzi kollha, naturalment Saviour Bugeja kien gie arrestat mill-Pulizija. F'hin minnhom meta kien arrestat, Saviour Bugeja kien addirittura ndaga ma' ufficjal tal-Pulizija li allura kien skorta mieghu, jekk il-Pulizija Maltija kellhomx xi apparat li b'xi mod janalizza tracci elevati minn qiegh ta' xi zarbun jew papocc. Minhabba in-nuqqas ta' taghrif tieghu, dak l-ufficjal tal-Pulizija kien wiegbu li le.**

**Kollox, ghalhekk, wassal biex juri li fil-fatt kien Saviour Bugeja li nhar it-28 ta' Marzu, 2000, volontarjament ta n-nar lir-residenza ta' Joseph Gafa gewwa Marsaxlokk, meta huwa kien jaf ben tajjeb li hemm gew kien hemm l-istess Joseph Gafa u persuni ohra.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Saviour Bugeja sar hati talli volontarjament ta n-nar lil bini, gharix, jew lok iehor, meta hemm gew kien hemm persuna fil-waqt tal-hruq, u meta huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuna.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Saviour Bugeja hati talli volontarjament ta n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq, u meta huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuna.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn disgha snin sa' tnax-il sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 316(a), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi meta nhar it-28 ta' Marzu, 2000, u wara li Saviour Bugeja pproceda sabiex iwettaq il-hsieb tieghu li volontarjament jaghti n-nar lid-dar ta' abitazzjoni ta' Joseph Gafa, gewwa l-fond "Dar Katrina", Triq il-Kajjik, Marsaxlokk, irrizulta li fil-fatt fuq iz-zewg nahat tal-istess dar ta' abitazzjoni ta' Gafa, kien hemm ukoll djar ta' abitazzjoni ta' nies ohra. F'dak il-waqt tal-hruq, gewwa l-imsemmija djar ta' abitazzjoni kien hemm diversi persuni jghixu l-hajja normali taghhom u li b'ebda mod ma kellhom xi kwistjonijiet pendenti jew battibekki ma' Saviour Bugeja.**

**Dejjem mill-konstatazzjonijiet u analizi li ghamel l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti, dwar il-periklu li holoq in-nar li Bugeeja volontarjament ikkawza, irrizulta li l-periklu kien komuni ghall-bini u d-djar ta' abitazzjoni adjacenti. Mhux biss, imma talli Bugeja seta' ghal darb'ohra jobsor li hemm gew, li kieku dak il-bini adjacenti ha n-nar, kien hemm diversi persuni b'hajjithom espost ghall-periklu. U n-nar ma nfirix ghal dak il-bini adjacenti propju minhabba l-interventi opportuni min-naha tat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Saviour Bugeja sar hati tad-delitt tal-hruq b'periklu komuni.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Saviour Bugeja hati talli volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, u l-bini, gharix, jew lok iehor, jew dan il-materjal, kien qieghed b'mod li jista' iqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa ikun hemm xi persuna.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tlett snin sa' sitt snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 317(b), 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici**

**Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi minhabba t-tilwim personali ta' bejnu u Joseph Gafa, Saviour Bugeja kien ilu zmien twil li qataghha li hin jew iehor jaghmel xi forma ta' vendikazzjoni lil Gafa. Kien ghalhekk li nhar it-28 ta' Marzu, 2000, iddecieda li tard filghaxija imur hdejn ir-residenza ta' Gafa gewwa Marsaxlokk, armat b'landa petrol. Kif wasal hemm, xehet il-petrol fuq il-bieb tal-entratura w tah in-nar. Kif ga' intqal aktar qabel f'dan l-att t'akkuza, n-nirien li lahqu firxu sew gew fortunatament ikkontrollati w mitfija minn membri tat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar qabel ma lahqu aktar fil-fond tar-residenza ta' Gafa, u qabel ma lahqu firxu ghall-bini adjacenti fejn f'dak il-waqt kien hemm in-nies gewwa.**

**L-ghan doluz ta' Bugeja kien li jaghmel hsara materjali lil Gafa, ossia lil hwejjgu, u ghalhekk Bugeja kien jaf li f'dak il-waqt Joseph Gafa kien id-dar flimkien mal-familja tieghu, ma impurtah xejn mill-periklu li n-nar li volontarjament ta seta' jikkaguna kemm lill-familja Gafa kif ukoll lil terzi persuni.**

**Sal-punt li lahaq gie kontrollat u mitfi in-nar, il-hsara kagunata fil-propjeta' ta' Gafa kienet tlehhaq aktar mill-ammont ta' hames mitt lira Maltin (LM500), konsistenti fil-bieb li safa' meqrud ghal kollox, kif ukoll fil-gebla ta' partijiet mill-entratura. Kien hemm ukoll hsarat li garrbu xi armaturi fl-akwati.**

**B'dawn l-atti doluzi kommessi minnu, Saviour Bugeja irrenda ruhu hati tad-delitt ta' hsara volontarja.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Saviour Bugeja hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa' erba snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(a), 17(b)(h), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat in-Nota tal-akkuzat tal-10 t' Ottubru, 2002 , li biha ddikjara li hu ghazel li guri ma jigix maghzul ghal din il-kawza a tenur tal-artikolu 436 (6) tal-Kodici Kriminali;**

**Rat li l-akkuzat fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2004 , wiegeb li ma kienx hati tat-tlitt Kapi ta' l-Att tal-Akkuza;**

**Semghet il-provi kollha tal-prosekuzzjoni w dawk tad-difiza, nkluza d-depozizzjoni tal-akkuzat Bugeja minn jeddu w rat id-dokumenti kollha esebiti waqt is-smiegh tal-kawza quddiem din il-Qorti.**

Rat il-verbal ta' Dr. Stephen Tonna Lowell tas-17 ta' Novembru, 2004, li bih irrileva li fil-provi li ngabru kemm fil-kumpilazzjoni kif ukoll quddiem din il-Qorti ma jirrizultax li kien hemm persuni f' bini adjacenti mall-fond fejn sar ir-reat u allura ddikjara li qed jirtira it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

**Rat ukoll in-Nota tal-Avukat Generali tal-istess data li biha rtira it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.**

Rat il-verbal tal-istess Prosekutur tal-istess data li bih iddikjara li f' kaz li jirrizultaw l-ewwel u t-tielet kap , hemm il-konkors ideali tar-reati msemmija fiz-zewg kapi b' mod li ghandha tapplika l-piena tar-reat l-izjed gravi.

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fir-rekwizitorja, difiza, replika u kontro-replika;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-kors tal-arringa tad-difiza gie sollevat il-punt legali li b' dak li sar, indipendentement minn min sar, ma jirrizultax ir-reat kontemplat fl-ewwel kap ghaliex ma nghatax in-nar lid-dar imma tqabbad biss bieb ta' barra. Il-Qorti qieset li jkun opportun li dan il-punt jigi trattat l-ewwel u qabel ma wiehed jidhol fil-mertu tal-kaz u r-rizultanzi.**

**Illi l-artikolu 316 (gja Art. 330 tal-Kodici Kriminali u qabel art. 285) kien gie ntrodott fil-Kodici originali u gie emendat biss ghal dak li jirrigwarda l-piena bl-Att XXI tal-1971, meta l-piena tal-mewt ghall-kazijiet fejn xi persuna titlef hajjitha giet sostitwita bil-piena ta' prigunierija ghal-ghomor, kif ukoll bl-Att XLIX tal-1981, fejn il-piena ta' lavuri forzati kontemplati fis-sub-incizi (a) u (b). mbidlet f'dik ta' prigunierija ghall-istess zmien. Mill-bqija, t-test tal-ligi ghadu dak kif kien meta giet promulgata l-Order-in-Council tal-1854 , promulgat f' Malta bil-Proklama numru 1 tal-istess sena.**

**Illi jidher li dan l-artikolu ghandu affinita' mall-articolo 300 tal-Codice Penali Taljan (Il-Codice Zanardelli) li kien jiddisponi li :-**

*"Chiunqie appicca il fuoco a un edifizio o a costruzioni di qualsiasi natura , a prodotti del suolo non ancora staccati, ovvero ad ammassi o depositi di materie combustibili , e' punito….*

**Umbaghad fil-paragrafu susseggenti dak l-artikolu jkompli tghid li r-reat ikun aggravat :-**

*" … se il fuoco sia appiccato a edifizi destinati all'abitazione ovvero ad edifizi pubblici o destinati ad uso pubblico , a scopo di pubblica utilita' o all'esercizio di un culto ovvero ad opifizi industriali , a depositi di merci o a*

*sorgenti o depositi di materie infiammabili o esplosive, a cantieri, a veicoli di strade ferrate , a cave , a miniere o a foreste."*

Il-MAINO **("Commento al Codice Penale" (Vol. II. P. 121) jikkummenta hekk dwar l-element materjali tar-reat in dizamina :-**
**"…non e' necessaria alla consumazione del reato la totale distruzione di cio' che si voleva abbruciare : basta che il fuoco si sia appiccato alla cosa . E anche questa formola non deve essere presa troppo alla lettera – nel senso , per esempio , che si tratta d' incendio d'una casa occorra che il fuoco siasi appreso a quei combustibili che per essere fixta et iuncta fanno parte integrante della casa medesima : quando anche il fuoco sia stato appiccato a mobili , masserizie ed altro colla possibilita' di estendersi a tutta la casa , il reato e' perfetto quantunque ancora il fuoco non siasi appreso ai palchi , alle travi, agli usci . Il fuoco appiccato non e' tentattivo , ma reato consumato : il tentattivo si puo' avere soltanto in atti precedenti che ancora non abbiano prodotto la excitatio ignis."**

**L-istess jghid il-**CARRARA **(Programma del Corso di Diritto Criminale, Parte Speciale , Vol. 6.p.210)**
*"**incendium est delictum , quo ignis periculosus excitatur**" , Accetto questa definizione , e sulla medesima vado a cercare l criterii essenziali di questo malefizio."… "Siffatti criterii essenziali si riducono a due – 1. Lo eccitamento del fuoco – 2. il pericolo . La prima formula determina il momento consumativo del reato , il quale , per commune consenso di tutte le scuole , non si deve attendere dalla totale distruzione di cio' che voleva abbruciarsi , ma si esaurisce tostoche' il fuoco e' appiccato alla cosa . La seconda formola esprime veramente la caratteristica costutuente il titolo d' incendio come delitto contro la pubblica tranquillita', perche' se a commuovere questa non e' necessario il danno universale effettivo, e' pero' indispensabile almeno la potenzialita' di un danno estensibile ad un numero indefinito di cittadini."*

**L-istess jghid** ADOLFO ZERBOGLIO **"Trattato di Diritto Penale" (Vol. VIII, *"Delitti contro la pubblica incolumita'"*, p. 41) :-**
*"Il delitto si compie con l'appiccare il fuoco , di cui e' poi conseguenza l' incendio"*

**Fil-ligi Ingliza kontemporanja li ukoll kienet tixbah hafna jekk mhux addirittura kienet kwazi identika ghad-dispozizzjoni taghna in dizamina u li qabel ma dahal in vigore il-Criminal Damage Act,1971,(Sec. I (3)) kienet regolata bil-Malicious Damage Act , 1861 (Sections 2 u 3), il-gurisprudenza hija li :-**

***"For the offence to be complete some property must be destroyed or damaged by fire. The damage may of course be quite insignificant (it would be enough for example, that wood is charred) but there must be some damage by fire; it would not be enough if property is merely blackened by smoke though there might well be an attempt in such a case."*** **(Cf. Parker (1839) 9 C & P 45) (Ara** SMITH & HOGAN**, Criminal Law 4th. Edit. p. 670.)**

ARCHBOLD **("Criminal Pleading, Evidence and Practice", 31st. edit. p. 793) meta jikkummenta fuq l-artikoli relattivi jghid:-**
***"the words in the Malicious Damage Act, 1861, ss. 1-7, are*** *"set fire to"* **(identici ghall-kliem fit-test Ingliz tal-Kodici Kriminali, Kap.9)** ***merely; and therefore it is not necessary to aver in the indictment that the house , etc. was burnt ; nor need it be proved that the house, etc. was actually consumed, nor that any flame was visible: R. v. Salmon , R. & R. 26 ; R. v. Stallion , 1 Mood . 398…..But the burning and consuming of any part of the house, however trifling, is sufficient, although the fire is afterwards extinguished : 1 Hawk . c. 39 s. 17; 3 Co. Inst. 66; Hale 569; Dalt. C. 159. Where on an indictment …it was proved that "the floor of a room was scorched; that it was charred in a trifling way; it had been a red heat , but not a blaze" , this was held a sufficient burning to***

***support an indictment : R. v. Parker , 9 C. & P. 45, Bosanquet , J. , and Parke, B.”***

**Illi fid-dawl ta’ dawn il-principju kif fuq enuincjati w a bazi tar-rizultanzi f’ din il-kawza, indipendentement mill-kwistjoni ta’ min kien l-awtur, din il-Qorti m’ghandha ebda ezitazzjoni li tghid li l-appikkar ta’ nar b’ likwidu nfjammabbli bhal ma hu l-petrol , mall-bieb ta’ barra, li qabad bix-xambrelli b’kollox u bi hsarat ghall-arkata tal-gebel ta’ fuqu w meta sahansitra l-likwidu nfjammabbli jippermeja minn taht il-bieb u jinfirex fuq il-partijiet tad-dar il gewwa mill-bieb, fejn sahansitra nqasam madum bin-nar u b’perikolu car u manifest li jaqbdu, twapet, ghamara, suppellettili, purtieri w oggetti ohra li jkunu vicin dan il-likwidu nfjammabbli, zgur li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat indikat fl-ewwel kap. Meta hu risaput li l-mod prevalenti ta’ kostruzzjoni f’ dan il-pajjiz huwa l-gebel li ovvjament ma jaqbadx minnu nnifsu, wiehed ma jistax logikament u bil-buon sens jippretendi li l-ligi ghandha tigi interpreta li biex isehh ir-reat in dizamina irid jaqbad il-gebel tad-dar. Bizzejjed li jaqbdu anki ftit jew aktar mill-oggetti nfjammabbli li flimkien mall-gebel u *fixtures* ohra jikkomponu dar t’ abitazzjoni jew jghammruha, b’ mod li joholqu l-perikolu potenzjali jew ghall-inkolumita’ tal-okkupanti jew ghall-istess proprjeta’ biss (fil-kaz tas-subinciz (b) ), biex ikun kunsmat ir-reat. F’ dan il-kaz irrizulta li qabad u gie danneggjat il-bieb ta’ barra li hu parti ntegrali mid-dar ghax ma tistax tikkoncepixxi dar minghajr bieb ta’ barra, x-xambrelli w gie danneggjat l-gebel ta’ l-arkata, kif ukoll li bin-nar li kien qed jaqbad fuqhom, inqasmu uhud mill-madum tal-entrata fuq gewwa w dan ghalhekk ma jista’ jhalli ebda dubju li dan kien kaz ta’ reat t’ incendiu doluz.**

**Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti din il-linja difensjonali ma treggix .**

**Il-linja difensjonali ewlenija hija li l-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux sal-grad rikjest mill-ligi , cioe’ dak li ma jhallux dubju dettat mir-raguni dwar il-**

**htija tal-akkuzat u li f' kull kaz l-akkuzat ta versjoni li tilhaq il-grad tal-probabbli biex jirribatti kull prova diretta jew indiretta li setghet ressqet il-Prosekuzzjoni . D-difiza ma kkontestax il-fatt li xi hadd injot ta n-nar ftit qabel l-10 p.m. Lanqas ma tikkontesta li bhala rizultat ta' dan in-nar grat il-hsara li tidher mir-relazzjoni tal-espert Perit Aquilina. Mhux kontestat kif in-nar gie skopert u kif intefa' u li f' temp ta' xi hmistax il-minuta kienu waslu l-Pulizija fuq il-post. Lanqas ma hemm kontestazzjoni li l-Pulizija gew diretti bhala suspett lejn l-akkuzat u li ma hadu ebda pista ohra. Mhux kontestat ukoll li qabel il-hruq kien hemm incidenti bejn l-akkuzat u Joseph Gafa'. Hemm umbaghad cirkostanzi ta' rilevanza marginali bhal ma huma l-fatt li t-tyres tal-vetturi ta' Gafa', ta' martu w t'ibnu gew mifqughin jew danneggati, imma dawn il-fatti irid ikollhom rabta jew *nexus* mall-akkadut in dizamina, tghid id-difiza.**

**Id-difiza argumentat li ma hemm ebda prova diretta kontra xi hadd li tefa' l-petrol u qabbad in-nar u li l-Prosekuzzjoni qed tistrieh fuq provi indizjarji . Biex dawn il-provi ndizjarji jwasslu ghall-htija, jridu, anki jekk mehudin flimkien, jkunu jwasslu ghal konkluzzjoni wahda. Altrimenti jistghu jqarrqu.**

**Id-difiza argumentat ukoll li fil-waqt li ma ghandha ebda kummenti x'taghmel fir-rigward tal-esperti Perit Aquilina w l-fotografu P.C. 664, Evan Camilleri, mhux l-istess ghar-rigward tal-espert. Professur Alfred Vella. Mir-relazzjoni w mix-xhieda ta' dan l-ahhar espert irrizulta li ma kien ittiehed ebda kampjun tal-likwidu li instab fuq il-post; li hu qaghad biss fuq il-fatt li xamm riha ta' petrol, li ghalhekk ma kienx possibbli biex isir paragun bejn dak li sab fuq il-post u dak li nstab fuq iz-zraben elevati mill-garage tal-akkuzat u li meta ezamina l-istess zraben bil-kalzetti ta' fuqhom b'kollox qal li setghu kienu esposti ghall-kontaminazzjoni , imma li probabbli tali kontaminazzjoni riedet tkun fi grad akbar biex instabu t-tracci li nstabu fiz-zarbun minn dak lilu prospettat. Li seta' kien hemm kontaminazzjoni fil-luggage booth**

**tal-car tal-Pulizija li fihom tpoggew biex ittiehdu d-Depot. Li peress li z-zraben bil-kalzetti fuqhom tpoggew go borza wahda, wiehed ma setax jghid jekk it-tracci tal-petrol kienux fuq wiehed jew fuq iz-zewg zraben jew fuq ebda wiehed minnhom u fuq il-kalzetti biss. Li persuna li tirfes petrol anki mxarrab bl-ilma probabbli li ssibilha tracci fuq iz-zarbun u hwejjeg t'isfel. Ghalhekk id-difiza ssottomettiet li meta taghsar ix-xhieda tal-Professur Vella, l-inferenzi li johorgu minnha huma ekwivoci w ma jwasslux ghall-konkluzzjoni li kien mar iferrex il-petrol l-akkuzat.**

**Id-difiza mbaghad issottomettiet li s-suspett mhux prova imma hu spekulazzjoni li hija fallibbli w mhux certa w assoluta . Li l-movent jista' jkun jafu biss l-awtur tar-reat u li dak li qed jattribwixxi lill-akkuzat Gafa' hu biss l-immaginazzjoni tieghu. Li l-incident li graw fit-tarzna bejn l-akkuzat u Gafa' bl-ebda mod ma jorbtu lill-akkuzat ma dak li qed jigi akkuzat bih. Li wiehed irid jiggudika bla pregudizzju, bir-raguni w mhux bil-passjoni kif xehed Gafa'.**

**Meta umbaghad id-difiza ndirizzat il-fatti tal-kaz, osservat li kien hemm xhieda w cirkostanzi li jikkorroboraw lill-akkuzat. Hekk meta l-Ispettur Saliba habbat il-bieb tal-akkuzat meta mar ghandu xi siegha wara d-delitt, dan ma damx ma fetahlu. Li meta beda' jkellmu dan deher iccassat u deher li lanqas qed jifhem x' kien qed jghidlu l-Ispettur; li ma nstab ebda kontenitur tal-"petrol" fil-garage tal-akkuzat; Li ma nstab xejn li jorbtu man-nar . Ma kienx hemm riha ta' petrol la fuq il-persuna tieghu, la fil-car u lanqas fil-garage, meta l-aqwa indikazzjoni tal-petrol hija proprju s-"*sense of smell*"; Li l-car Peugeot tal-akkuzat kienet tahdem bid-deisel u gie eskluz li n-nar kien tqabbad bid-deisel . Lanqas insabu tracci tal-likwidu nfjammabbli jew tal-kontenitur fil-car tal-akkuzat u lanqas xi suffarini jew lighter.**

**Meta l-akkuzat kien mistoqsi fejn kien dik il-lejla w ghaliex iz-zraben kienu bil-kalzetti fuqhom wiegeb bla tlaqlieq fejn kien u ma min kien u ta spjegazzjoni**

**ghala z-zarbun kellu l-kalzetti fuqu . Kien importanti ukoll fejn halla z-zarbun meta dahal id-dar u kif hallieh u l-pozizzjoni ordnata taz-zarbun turi li ma kienx hemm intenzjoni kriminali. Kieku kien hu li qabbad in-nar u kien libes iz-zarbun bil-kalzetti fuqu biex ma jinqabadx, kien jista' janticipa li ser jigi investigat jew arrestat – kif kien gie investigat qabel fuq il-hsara fit-tyres ta' Gafa'- u allura ma kienx ihalli z-zarbun hemm *"for all to see*" kif hallieh. L-akkuzat kien spjega l-uzu taz-zarbun f' dik il-lejla meta mar ghand Raymond Muscat biex jaralu l-hamiem marid u anki kif dan kien ixxarrab meta hasel idejh go sink fuq il-bejt ta' Muscat , wara li kien mess il-hamiem marid.**

**Li l-akkuzat kellu alibi sal-9.45 p.m. meta rritorna d-dar fejn kien wasslu Muscat u l-Prosekuzzjoni ma kienetx qed tattakka l-kredibilita' ta' Muscat. Wara dan il-hin kellu l-alibi ta' martu Doreen Bugeja li kkorroboratu w spjegat li l-car kienet regghet harget biha hija biex marret ghand ommha w li rritornat biha f' xid-9.30 pm. u li meta zewgha rritorna d-dar f' xil-9.45 pm, kien xi naqra ma jiflahx neza w dahal fis-sodda w ma regax hareg.**

**Ghalkemm kien hemm xi kuntrasti bejn id-depozizzjoni tal-akkuzat u dik ta' Muscat fuq xi dettalji , bhal per ezempju jekk kienux ftehmu li jiltaqghu minn qabel u f' li Muscat f' ebda hin waqt li kien mieghu l-akkuzat ma nnota li l-akkuzat kien liebes iz-zarbun bil-kalzetti fuqu , Muscat fis-sustanza, meta gie nterrogat mill-Ispettur waqt li l-akkuzat kien ghadu arrestat u incommunicado -, jikkorrobora lill-akkuzat dwar x' kien ghamel dik il-lejla.**

**Illi anki jekk wiehed ma jemminx lill-akkuzat meta jghid li ma regax hareg wara li kien wasslu d-dar Muscat , mhux probabbli li seta' jaghmel dak kollu li qed tipprospetta l-prosekuzzjoni fil-hin qasir ta' kwarta, bejn l-9.45pm u l-10 p.m. , u cioe' johrog bil-karozza tieghu, jerga jmur Marsaxlokk , jitfa' l-likwidu, jqabbdu w jerga jitlaq minn fuq il-post. U l-**

**Prosekuzzjoni mhux tipprospettah dan trid imma tippruvah minghajr dubju dettat mir-raguni.**

**Id-difiza mbaghad issottomettiet li mhux veru kienet sehhet l-allegata ammissjoni tal-akkuzat meta kien wahdu ma' Gafa' f' xi incident li kien gara fl-4 ta' Dicembru, 2000. Argumentat li kieku verament kienet sehhet din l-ammissjoni , Gafa' kien jixidha quddiem il-Magistrat fil-kors tat-tlitt darbiet li xehed fil-kumpilazzjoni . Li l-versjoni ta' Gafa' li din ma xehdiex ghax il-Magistrat kienet waqfitu mhux kredibbli . Kieku kien hekk, possibbli li l-Ispettur Prosekutur jew l-Avukat tieghu ma kienux jinsistu li jaghmlu verbal dwar dan, staqsiet id-difiza. U kieku kien veru li l-akkuzat kien ammetta mieghu, dak il-hin , Gafa' ma kienx johrog jigri jghajjat quddiem haddiema ohra li kienu fir-*rack* "Ara x' qed jghid dan!" , staqsiet id-difiza. Din l-allegata ammissjoni hija michuda mill-akkuzat li ghalkemm jaccetta li kienu graw l-incidenti ta' qabel fit-tarzna – sia pure li dawn gew esagerati minn Gafa' - jichad li gara dan l-incident tal-4 ta' Dicembru, 2000.**

**Li l-incident tal-inkontru bejn l-akkuzat u PC 1091 Kenneth Camilleri , fejn allegatament l-akkuzat staqsa lil kuntistabbli jekk il-Pulizija kellhiex xi magna li tanalizza t-trab biex issib fejn tkun marret persuna , apparti li PC Camilleri ma kienx konsistenti, ma kien iwassal imkien. L-akkuzat spjega x' kien dad-diskors ezatt u li hu seta' qalu bhala rizultat tal-fatt li l-Ispettur kien semmielu xi magna simili bhala stratagemma .**

**Id-difiza ssotttomettiet li jista' jkollok kumbinazzjonijiet, pero' ma tistax toqghod fuqhom bhala prova li ma thallix dubju dettat mir-raguni.**

**Fil-kontro-replika mbaghad id-difiza rribadiet li t-tezi tal-prosekuzzjoni kienet mimlija toqob u inkonsistenti w li l-Prosekuzzjoni kienet qed tinsa ghal kollox ix-xhieda tal-mara tal-akkuzat – xhud tad-difiza - li tkompli tforni lill-akkuzat b' alibi wara id- 9.45 pm. Id-difiza staqsiet ghaliex il-Prosekuzzjoni ma ghamlitx**

**kontro-ezami lil mart l-akkuzat. Gafa' kellu kull opportunita' li jixhed fil-kumpilazzjoni dwar l-ammissjoni fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2002 u ma hadiex. L-Ispettur Saliba kien thalla jixhed dwar l-allegata ammissjoni w kien qal li dwar dan kien ser jitlob lil Gafa' biex jelabora imma dan baqa' ma sarx. Il-fatt li Muscat ma kienx qed jaqbel f'kollox ma dak li qal l-akkuzat bi precizjoni matematika juri li f' dal kaz ma kienx sar xi "set up". L-akkuzat kien spjega ghala meta kien qed isir l-statement bil-miktub ghal xi domandi, qal** "Ma inwegibx**." u ghala ma kienx iffirmah l-statement u dan ghaliex hu kien gja wiegeb bil-fomm diversi drabi w beda jhoss li ma jistax jafda lill-Ispettur .Pero' hu kien gja qal il-movimenti kollha tieghu w spjega l-uzu li kien ghamel miz-zarbun. Id-difiza qalet ukoll li fejn ma hemmx il-prova , din ma tistax tigi sostitwita bil-kongetturi.**

**Mill-banda l-ohra fis-sottomissjonijiet taghha fir-replika , il-Prosekuzzjoni qalet li veru li dan il-kaz beda' bis-suspett ta' Joseph Gafa' fl-akkuzat u ghalkemm is-suspett ma jistax jitfa' xi prezunzjoni ta' fatt jew ta' htija kontra l-akkuzat , jista' pero' jwassal biex jigi stabilit il-movent tal-akkuzat. Veru li l-movent mhux prova, imma meta ssir il-prova mod iehor, jista' jghin biex isahhah il-kaz tal-Prosekuzzjoni li proprjament biex tipprova l-kaz taghha ma hemmx bzonn li tipprova l-movent. Hu minnu li f' dan il-kaz ma kienx hemm xi inversjoni tal-provi w li l-provi ndiretti jridu jkunu univoci. Izda meta dawn il-*"pointers*" ikunu jippuntaw kollha fl-istess direzzjoni , jkunu univoci .**

**Il-prosekuzzjoni mbaghad ghaddiet in rassenja uhud mill-provi indiretti li l-kaz taghha kien qed jistrieh fuqhom. Meta l-Ispettur mar id-dar tal-akkuzat ghall-habta tal-11 pm, kien sab il-car Peugeot ghadha bil-magna u l-bonnet shan. Veru li mart l-akkuzat xehdet li kienet harget biha w rritornat fid-9.30 pm , imma staqsa jekk hux verosimili li f' temp ta' xi siegha w nofs il-magna tibqa' shuna. L-akkuzat dak il-hin lanqas hass il-bzonn li jivverifika biex jara l-magna**

**kienetx shuna kif qal l-Ispettur. Li kien hemm differenza stratsoferika bejn l-ispjegazzoni li ta l-akkuzat dwar l-uzu taz-zarbun bil-kalzetti fuqu dik il-lejla u dak li xehed Raymond Muscat ghax dan xehed li dak il-lejl waqt li kien mieghu , l-akkuzat ma kienx liebes dak iz-zarbun u li qatt ma kien rah bih . Staqsa jekk kienx verosimili li f'saghtejn li qatta' mall-akkuzat Muscat ma jindunax li l-akkuzat kien b'dak iz-zarbun. Illi l-akkuzat kien hareg bi spjegazzjoni gdida waqt ix-xhieda tieghu u cioe' li libes il-kalzetta fuq iz-zarbun biex izomm iz-zarbun nadif mill-hmieg tal-hamiem li altrimenti jidhol bejn il-*grooves* tal-qiegh taz-zarbun u jkun difficli li jitnaddaf. Din l-ispjegazzjoni ma kienx taha qabel. Staqsa kemm kien verosimili li jekk kien libes daz-zarbun kontra l-mard, kien jirritorna d-dar bl-istess zarbun .**

**Il-Prosekuzzjoni kienet qed tipprospetta li wara li l-akkuzat kien twassal id-dar minn Muscat f' xil-9.45 pm., rega' hareg u mar jikkommetti d-delitt. Li ma kienx hemm distanza bejn Marsaxlokk u z-Zejtun u li ma ddumx ma tasal. Kull ma kellu jipprepara kien daqxejn petrol u suffarina . Ghalhekk kien hemm il-hin materjali biex seta' jigi kommess id-delitt bejn id-9.45pm u ghal xil-10 p.m., 10.10pm., jew l-ghaxra skorruti , kif xehed Kenneth Gafa'.**

**Illi Joseph Gafa' kien mill-ewwel qal lill-Ispetturi Cutajar u Saliba li hu kien jissuspetta fl-akkuzat . Fit-12 ta' Jannar, 2001 (Fol.26) l-Ispettur Saliba kien xehed fl-ewwel seduta tal-kumpilzzjoni li Gafa' kien infurmah bl-allegata ammissjoni tal-akkuzat fl-incident tal-4 ta' Dicembru, 2000 u ghalkemm din f' dak l-istadju ma kienetx taghmel prova ghax kienet biss *"hearsay evidence*", pero' hija prova diretta li L-Ispettur Saliba kien sar jaf b'dan il-fatt minn Gafa' . Joseph Gafa' veru ma xehedx dwar din ic-cirkostanza fit-tlitt darbiet li xehed fil-kumpilazzjoni , pero' mistoqsi ghaliex hu spjega li dan kien ghax il-Magistrat waqqfitu. Dan jidher korroborat bil-fatt li meta tela jixhed l-ewwel darba fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2001 (Fols. 40-41), hemm verbalizzat li d-**

**depozizzjoni giet sospiza , wara biss erbatax (14) il-linja, bla ma nghatat ebda raguni ghaliex . Wara l-Qorti kompliet tisma xhieda ohrajn. Ghaliex sar dan? staqsa l-prosekutur. Kollox jindika li Gafa' qed jghid il-verita' meta jghid li ma thallix jixhed. F' kull kaz din l-allegata ammissjoni ma spuntatx issa ghax fit-12 ta' Jannar, 2001 L-Ispettur Saliba xehed li Gafa' kien qallu biha, f' xi zmien bejn l-4 ta' Dicembru, 2000, meta suppost grat u meta xehed l-Ispettur. Quddiem din il-Qorti mbaghad Gafa' baqa' konsistenti l-hin kollu – anki fil-kontro-ezami - meta xehed dwar din l-ammissjoni w ddeskriva bi precizjoni l-incident , id-data u l-kliem li allegatament qallu l-akkuzat dak in-nhar.**

**Il-Prosekutur umbaghad ghamel sottomissjonijiet dwar il-kredibilita' tal-versjoni tal-akkuzat u staqsa kemm kien verosimili li persuna hekk nadifa bhal ma gie deskritt l-akkuzat u li jkun gej minn fuq il-hamiem marid jidhol jorqod bla ma jinhasel u jahsel biss snienu. L-akkuzat xehed li kien sorpriz meta fetah lill-Ispettur mentri l-Ispettur xehed li rah kalm. L-akkuzat ma rrispondiex ghal certi domandi fl-istqarrija tieghu. Fil-konfront li sarlu dwar dan gie kontradett mill-Ispettur Saliba. Gie ukoll kontradett fil-konfront li sar ma PC Camilleri dwar l-inkontru fil-*lock-up* tal-Belt fejn issemmiet il-magna tat-trab , kemm dwar id-diskors li ntqal kif ukoll dwar jekk dan intqalx mill-akkuzat forma ta' *"statement*" jew forma ta' mistoqsija. L-akkuzat jinsab imgiddeb minn Raymond Muscat , mill-Ispettur Saliba, minn PC Camilleri oltre minn Joseph Gafa' . L-ispjegazzjoni li ta ghala z-zarbun kien ghadu mxarrab aktar minn saghtejn wara li allegatament kien ixxarrab fuq il-bejt ta' Muscat mhux verosimili.**

**Meta ttratta dwar ir-relazzjoni w x-xhieda tal-espert il-Professur Vella, il-Prosekutur issottometta li dan kien irriskontra tracci ta' residwi minn petrol mill-ezami w esperimenti li ghamel fuq iz-zewg zraben elevati w esebiti w li ghalkemm mhux desiderabbli li t-testijiet isiru wara certu trapass , f' dan il-kaz mit-tieni test li**

**sar xi tlitt xhur wara l-incident, xorta rrizulta li kien hemm il-petrol u dana minkejja li dan il-petrol kien ghamel sieghat shah jevapora qabel ma kien gie prezervat f' borza. Dan il-petrol fuq iz-zraben ma giex minn xi kontaminazzjoni meta kien fil-luggage booth tal-car tal-Pulizija zgur qal il-Prosekutur. Meta l-espert Vella li hu espert validissimu kkonstata r-riha tal-petrol fuq il-post tal-hruq, qal li l-petrol ghandu riha distinta w karatteristika . L-espert kien xehed li l-*"comparative study"* li staqsietu dwaru d-difiza xorta ma kien iwassal imkien . L-espert inoltre kien qal li ma kienx probabbli li jkun hemm risjku ta' kontaminazzjoni ghax qabel tkun f'ambjent fejn hemm il-petrol u wara taqbad zarbun b'idejk . L-espert eskluda li t-tracci kienu ta' Malatine u del resto l-akkuzat qal li ma kienx applika malatine dak in-nhar. Il-Prosekutur irrifera ghal dik il-parti tax-xhieda tal-Profs. Vella fejn qal li certi domandi f' kazijiet bhal dawn isiru biex jintefa' dubju , fejn dubju ragjonevoli ma jkunx jezisti. Il-Prosekutur staqsa jekk kien hemm xi raguni valida biex il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet tal-espert Vella f' dan il-kaz.**

**Il-Prosekutur ikkonkluda r-replika tieghu billi qal li d-difiza qalet li l-provi ndiretti huma kollha kumbinazzjonijiet izda l-Prosekuzzjoni ma kienetx taqbel u kienet qed issostni li dawn il-hafna kumbinazzjonijiet kienu kollha provi ndiretti li jippuntaw fl-istess direzzjoni w li flimkien mall-prova diretta gejja mill-ammissjoni tal-akkuzat , kellhom iwasslu biex tinstab htija fil-konfront tal-akkuzat dwar l-ewwel u t-tielet kap tal-att tal-akkuza.**

**Ikkonsidrat;**

**Issa kif jghid l-**ARCHBOLD **(op. cit. p. 793) fir-rigward ta' dix-xorta ta' reat :-**

***"It is seldom that a wilful burning by the prisoner can be made out by direct proof; the jury , in general, have to presume the guilt from circumstantial evidence."***

***u***
***"Presumtive or (as it is usually termed) circumstantial evidence is receivable in criminal as well as in civil cases ; and, indeed , the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than the latter; for, in criminal cases, the possibility of proving the matter charged in the pleading by the direct and positive testimony of eye-witnesses or by conclusive documents is much more rare than in civil cases ; and where such testimony is not available , the jury are permitted to infer from the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It has been said that although presumptive evidence must, from necessity, be admitted yet it should be admitted cautiously …"***
***"…On the other hand , it has been said that circumstantial evidence is very often the best evidence. It is evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics . It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial : R. v. Taylor, 21 Cr. App. R . 20." ,***

**Illi jintqal ta spiss f' din l-Awla li "*circumstantial evidence does not lie but it may deceive*" u li biex din it-tip ta' prova tista' twassal ghall-inferenza ta' htija trid tkun univoka w mhux thalli miftuha aktar minn possibilita' wahda oltre dik ta' htija.**

**Fil-kaz in ezami l-provi indizjarji li fuqhom qed tistrieh il-Prosekuzzjoni huma dawn :-**
**1. li fuq firxa ta' snin kien hemm numru ta' incidenti fuq ix-xoghol fit-tarzna bejn l-akkuzat u Joseph Gafa' u partikolarment tlieta li kienu aktar serji. Darba minnhom u cioe' fil-31 ta' Marzu, 1991, l-akkuzat kien addirittura refa' idejh fuq Gafa' li jigi c-chargeman tieghu w kkagunalu xi feriti hfief kif jirrizulta mic-certifikat esebit quddiem din il-Qorti minn Joseph Gafa' fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2004. Fl-24 ta' Frar, 1998 , waqt incident iehor fuq ix-xoghol, l-akkuzat spicca jghajjar lil Gafa' korrott u mahmug u**

**jghidlu li ried joqtlu. Meta umbaghad fl-4 t' Awwissu, 1999, kien inqala' incident fejn l-akkuzat iggieled ma certu Balzan, impjegat iehor tat-tarzna w gew fl-idejn, Gafa' kien mexxa rapport kontra l-akkuzat u waqt li qed jikteb dar-rapport kien mar fuqu l-akkuzat , heddu li joqtlu , li jaqsmu tnejn u qallu "Ghadek ma hlistiex.". Bhala rizultat ta' dar-rapport , l-akkuzat wara proceduri dixxiplinari interni u zewg appelli , spicca wehel tlittax il-jum sospensjoni mix-xoghol. Wara dan l-incident Joseph Gafa' , martu w ibnu f' hames okkazzjonijiet sabu jew l-erba tyres mifqughin b' xi strument jaqta' jew – fil-kaz tat-tifel – bi qtugh fuqhom imma mhux mifqughin. Gafa' beda jissuspetta li dan kien qed jaghmilhom l-akkuzat. Tnejn minn dawn l-incidenti graw fl-10 u t-12 ta' Frar, 2000. Hu kien ghamel rapporti l-ghassa ta' Bormla.**

**2. li fuq il-post tal-hruq fit-28 ta' Marzu, 2000, ftit tal-hin wara l-hruq, l-espert tal-Qorti Professur Alfred Vella xamm ir-riha distintiva w karatteristika tal-petrol .**

**3. li meta l-Ispettur David Saliba mar ghand l-akkuzat ghall-habta ta' xil-11 p.m. ossia xi siegha wara l-hruq, fil-garage osserva zarbun mghotti bil-kalzetti grizi/celesti fuqu fl-art u li l-car Peugeot diesel tal-akkuzat kien ghad ghandha l-magna shuna;**

**4. li meta z-zraben gew ezaminati mill-Professur Vella f' zewg testijiet separati w mifruxa fuq periodu ta' tlitt xhur , iz-zewg tests taw *reading* pozittiv ghall-prezenza ta' petrol;**

**5. li kemm mill-istqarrija tal-akkuzat kif ukoll min dik ta' Raymond Muscat segwita anki bix-xhieda bil-gurament tieghu rrizulta li dik il-lejla tat-28 ta' Marzu, 2000, dawn it-tnejn kienu ghaddew minn Marsaxlokk.**

**6. Li waqt li kien qed jigi detenut fil-*lock-up* tal-Belt fil-kors tal-investigazzjoni , l-akkuzat kien staqsa lil P.C. Kennet Camilleri jekk il-Pulizija kellhiex xi magna li mit-trab tghidlek fejn tkun ;**

**7. li fl-istqarrija tieghu l-akkuzat baqa' ma wegibx ghal xi domandi .**

**Illi din il-Qorti regghet ezaminat il-provi bir-reqqa kollha kemm billi regghet qrat in-notamenti ferm**

**estensivi li hadet waqt il-process kif ukoll billi regghet semghet mill-gdid ir-registrazzjonijiet elettromekkanici tax-xhieda kollha w thoss li fil-waqt li dawn il-provi ndizjarji wahedhom jistghu jitfghu suspett fuq l-akkuzat , meta wiehed iqis l-ispjegazzjonjiet li ta l-akkuzat , l-alibi li sa certu hin ifornilu Raymond Muscat kif ukoll l-alibi li minn dak il-hin il quddiem tfornilu martu Doreen Bugeja, li bizzejjed li jilqhu l-grad tal-probabbilta' biex jigu accettati, ma jkunx possibbli li wiehed jasal ghall-konkluzzjoni ta' htija bazando** biss **fuq dawn il-provi ndizjarji li ghalkemm indikattivi, zgur li ma humiex univoci. Anzi jhallu l-kamp berah ghall-possibbilitajiet u ipotesijiet diversi, li bil-fors allura jekk wiehed jistrieh fuqhom biss , jibqa' id-dubju ragjonevoli li dejjem irid imur favur l-akkuzat.**

**Apparti l-alibi li jfornilu ix-xhud tal-Prosekuzzjoni Raymond Muscat , xhud li l-Prosekuzzjoni b'ebda mod ma attakkat il-kredibilita' tieghu , l-akkuzat ghandu alibi minn martu Doreen Bugeja ghall-intervall ta' circa siegha u kwart – sieghu u nofs bejn x' hin irritorna d-dar ma Bugeja (9.30 –9.45pm) w x' hin wasal l-Ispettur Saliba ghandu f' xil-11 pm. Stranament il-Prosekuzzjoni lanqas biss ghamlet domanda wahda lil din ix-xhud in kontro-ezami , u dana meta kien ovvju li din ix-xhud kienet qed tikkorrobora l-versjoni tal-akkuzat li hu ma kienx rega' hareg mid-dar wara d-9.45pm. Mhux hekk biss imma din ix-xhud spjegat li hi stess kienet regghet harget mid-dar bil-car taghhom Peugeot biex tiehu xi hwejjeg ghand ommha anzjana li tghix ukoll iz-Zejtun , wara li kienet lestiet il-facendi dik il-lejla w din ix-xhieda tista' toffri spjegazzjoni plawsibbli – bizzejjed sal-grad tal-probabbli - ghala l-bonnet tal-car Peugeot kien ghadu shun xi siegha w nofs wara. B'dana kollu l-Prosekuzzjoni lanqas biss ippruvat tisskossa din ix-xhieda hekk importanti w ma ghamlet ebda riferenza ghaliha fir-replika taghha.**

**Di piu' l-akkuzat ta spjegazzjoni plawsibbli ghala kien libes iz-zarbun bil-kalzetti fuqu dak in-nhar meta mar**

**jara l-hamiem tax-xhud Muscat ghall-mard , stqarr mall-ewwel mal-Ispettur fejn kien mar dik il-lejla u li kien ghadda minn Marsaxlokk izda dejjem cahad li kien ghadda minn fejn id-dar ta' Gafa' w li hu kien qabbadlu l-bieb ta' barra. Spjega ukoll l-itinerarju ta' minn fejn hu u Muscat kienu hargu miz-Zejtun u cioe' mit-triq sekondarja li taghti ghal Tas-Silg u, minn hemm, nizlu ghax-Xatt ta' Marsaxlokk bla ma dahlu fil-qalba tal-konurbazzjoni tar-rahal. Itinerarju possibbli w plawsibbli dan. Spjega ukoll kif kien ixxarrblu z-zarbun billi qal li kien waqqa' l-ilma fuqhom mis-sink li Muscat kellu fuq il-bejt, meta hasel idejh hemm fuq ,wara li hu kien mess il-hamiem marid b'idejh. Del resto minkejja li iz-zarbun bil-kalzetti fuqhom kienu mxarrbin, l-Ispettur ma xammx riha ta' petrol fuqhom meta elevhom mill-garage tal-akkuzat, kif zgur kien ixomm kieku kienu hekk imxarrbin bil-petrol.**

**Hu minnu li kien hemm incidenti bejn l-akkuzat u Gafa' fuq il-post tax-xoghol u li dawn u anki xi theddid esplicitu jew velat li skond Gafa' seta' sar mill-akkuzat f' okkazzjonijiet diversi jistghu jitfghu suspett fuq l-akkuzat . Izda das-suspett , qawwi kemm hu qawwi w indikattiv kemm hu indikattiv , zgur li ma jikkostitwix il-prova tal-htija li trid il-ligi. Indubbjament ukoll l-incidenti ta' meta nfaqghu it-tyres ta' Gafa' w ta' martu w meta gew incizi izda mhux mifqugha dawk ta' ibnu Kenneth Gafa' w z-zmien meta dawn graw wara li l-akkuzat fuq rapport ta' Gafa' gie sospiz mix-xoghol ghal tlittax il-jum ukoll jitfghu suspett qawwi fid-direzzjoni ta' l-akkuzat u jistghu iservu biex jissuggerixxu modus operandi, pero' anki dawn ma humiex prova univoka li tista' twassal ghall-htija.**

**L-istess ghalkemm il-Professur Vella kien xamm riha ta' petrol fuq il-lok tal-hruq u rriskontra tracci ta' petrol fuq iz-zarbun u kalzetti meta ezamihom fil-laboratorji, ma setax jeskludi li dawn setghu gew kontaminati billi wiehed per ezempju jkun rifes xi petrol fit-triq biz-zarbun anki meta ma kellux il-kalzetti fuqu . Dan ghaliex ukoll il-kalzetti w z-zraben ma gewx analizzati separatament imma kumulattivament f'**

**daqqa w l-Profs. Vella ma setax jghid jekk it-tracci instabux fuq wahda jew fuq l-ohra miz-zewg zraben u jekk instabux fil-qiegh jew fil-wicc , jew fuq il-kalzetti jew fuq iz-zarbun .**

**Il-Qorti tosserva li jekk il-Pulizija kellha dan is-suspett hekk qawwi fl-akkuzat , kien imissha mpenjat ruha ferm u ferm aktar mill-ghamlet kemm fl-istadju investigattiv kif ukoll fil-kors tal-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja .**

**Il-Qorti thoss li zgur li seta’ sar hafna aktar fil-kors tal-investigazzjoni biex jigu eliminati uhud minn dawn il-possibilitajiet bhal per ezempju :- tfittxija fl-ambjenti** kollha **tad-dar– u mhux biss fil-garage- ghal xi kontenitur ta’ fuel u riha ta’ petrol,** elevazzjoni tal-hwejjeg kollha **tal-akkuzat mid-dar jew ghall-inqas ta’ dawk li seta’ jigi mitlub jidentifika li kien liebes qabel ma dahal fis-sodda,** tfittxija xjentifika fil-car Peugeot tal-akkuzat u anki (ghaliex le) fil-car ta’ Raymond Muscat **(li fiha hu accettat li l-akkuzat u Muscat kienu ghaddew minn Marsaxlokk dik il-lejla proprju ftit qabel il-hin li fih sehh il-hruq) mill-ufficjali tas-SOCO u mill-espert tal-Qorti, l-Profs. Vella ghal tracci ta’ petrol li seta’ kien hemm jew ma kienx hemm fiz-zewg vetturi ,** interrogazzjoni tal-familjari tal-akkuzat **a tempo vergine w sakemm l-akkuzat kien ghadu arrestat u *incommunicado* ghall-verifika tal-movimenti tieghu dik il-lejla,** verifiki mall-impjegati **tat-taqsima fejn kienu jahdmu l-akkuzat u Gafa’ fit-tarzna dwar incidenti precedenti** , verifika tar-rapporti li Gafa’ kien allegatament ghamel **fl-ghases tal-Belt u ta’ Bormla dwar il-**hsarat fit-tyres u incidenti t’ aggressjoni **mill-akkuzat fuq Gafa’ w inizjattivi nvestigattivi ohra simili.**

Minn dan kollu ma sar xejn u minkejja s-serjeta’ tar-reat li kien qed jigi investigat, jidher li saret investigazzjoni nofs kedda w bis-sulluzzu w li thallew jghaddu xhur shah biex fl-ahhar il-Pulizija finalment pprocediet kontra l-akkuzat b’ citazzjoni, ghax donnu l-Pulizija lanqas biss hasset li dan kien kaz li jimmerita l-arrest.

**Forsi tort tal-mod spezzettat kif isiru l-kumpilazzjonijiet , il-kontinwita' tal-provi fl-Istruttorja wkoll jindikaw certa nkonkluzivita' fil-mod li bihom tressqu certi provi w nuqqas ta' incizivita' w insistenza biex isiru provi ohra importanti kif jintqal aktar il quddiem . Dan kemm mill-Ispettur li kien qed jipprosegwixxi l-kaz kif ukoll da parti tal-ufficju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi r-rinviji li saru.**

**Naturalment mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tfittex jew timmagina hi l-provi li setghu saru jew ma sarux f' dan il-kaz u l-Qorti trid biss tiggudika fuq il-provi li ngabu quddiemha f'dan l-istadju w xejn aktar.**

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti mhux possibbli li tinstab htija fuq il-provi ndizjarji li ressqet il-prosekuzzjoni ghaliex dawn ghalkemm certament jiggeneraw certu suspett u forsi ukoll suspett pjuttost qawwi , ma humiex univoci . Di piu' huma kontrastati minn provi ohra kemm li ressqet il-prosekuzzjoni stess kif ukoll li ressqet id-difiza , komprizi x-xhieda tal-akkuzat .**

**Ikkonsidrat**

Illi pero' l-prosekuzzjoni qed issostni li apparti l-provi ndizjarji hemm prova diretta li gejja mill-allegata ammissjoni tal-istess akkuzat meta kien ma' Gafa' fil-kamra tieghu fit-Tarzna fl-4 ta' Dicembru, 2000.

**Il-fatti w cirkostanzi li , dejjem skond Joseph Gafa', akkompanjaw din l-allegata ammissjoni kienu s-segwenti :- Il-Manager kien qallu biex jibghat erba' min-nies fuq il-vapur Karyunis . L-akkuzat kien irrifjuta li jmur ghax kien qal li hu xoghol ta'** ***coxwain*** **biss jaghmel. Kien dahal ghal Gafa' l-ufficcju u qallu : "Jien a la bieb z…… minnek .** Gejt nahraqlek id-dar biex noqtol lilek u l-familja**."** **Gafa' kien irrispondieh : "Dad-diskors mhux lili ghidu w mur ghidu lill-Ispettur." Dak il-hin kienu wahedhom. L-akkuzat dak in-nhar kien ukoll beda jiccalengjah jekk ghandux tfal biex igellidhom mieghu w Gafa' kien irrispondieh li t-tfal**

**ma kienux klieb tal-glied. Dan kien qabel ma bdiet il-kawza f' Jannar, 2001.**

Fid-depozizzjoni tieghu l-akkuzat accetta li dak in-nhar tal-4 ta' Dicembru, 2000, kien hemm incident bejnu w bejn Joseph Gafa' u dan meta kien hemm xi bastiment diehel fin-number 4 jew number 5 dock, izda cahad li kien qallu li kien hu li haraqlu l-bieb u qal ukoll li dad-diskors ma qalulu qatt.

**Issa hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bi prova kontra tieghu w li l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu . Ta' spiss jinghid li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina ghax kif intqal:-**
***"A free and voluntary confession of guilt by a prisoner , whether under examination before magistrates or otherwise , if it is direct and positive, and is duly made and satisfactorily proved , is sufficient to warrant a conviction without any corroborative evidence : R. v. White, R.& R. 508; R. v. Tippet, id. 509; R. v. Eldridge, id.440; R.v. Falkner, id. 481; R. v. Francia , 15 St. Tr. 859, 1 East P.C. 133 n , Fost. 240; R. v. Lambe, 2 Leach 552; R. v. Wheeling, 1. Leach 311 n."***
***"It has been said that if there be no other evidence in the case ,*** *or none which is incompatible with the confession ,* ***it must be taken as true : R. v. Jones , 2 C. & P. 629; but the better opinion seems to be that, as in the case of all evidence, the whole should be left to the jury , to say whether the facts asserted by the prisoner in his favour be true : Smith v. Blandy , Ry. & M. 257 ; R. v. Higgins, 3 C & P. 603 ; R. v. Clewes , 4 C & P. 221"*** **.(** ARCHBOLD **op. cit . p. 376)**

**Jintqal ukoll li** *:-*
***"Admissions or confessions to persons other than magistrates , if in writing, are proved as any other written instrument ..If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another***

***, or to himself , is equally admissible ;*** *though it is evidence to be acted upon with much caution , as being liable to be unintentionally misinterpreted by the witnesses*." **(See *R. v. Simons* , 6 C. & P. 540) (**ARCHBOLD **; op. cit. p.376).**

**Ikkonsidrat,**

**Illi f' dan il-kaz id-difiza, apparti mic-cahda tal-allegata ammissjoni da parti tal-akkuzat , issottomettiet, kemm waqt il-kontro-ezami ta' Gafa' kif ukoll fil-kors tat-trattazzjoni , li, apparti li ma kien hemm ebda xhud indipendenti ta' din l-allegata ammissjoni, kien biss f' dan l-istadju tal-process li Gafa' kien xehedha w li qatt ma ssemmiet fit-tlitt depozizzjonijiet li ta' fil-kors tal-kumpilazzjoni u meta xehed fl-inkjesta quddiem il-Professur Vella dak in-nhar tal-incident.**

**Issa hu ovvju li Gafa' ma setax isemmi din l-allegata ammissjoni meta xehed quddiem il-Profs. Vella fil-28 ta' Marzu, 2000, ghax din suppost li grat disa' xhur wara u cioe' fl-4 ta' Dicembru, 2000, kif fuq intqal. Pero' hu fatt li fil-kumpilazzjoni Gafa' qatt ma semma din l-ammissjoni , ghalkemm , meta L-Ispettur David Saliba xehed fit-12 ta' Jannar, 2001, fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni li fiha nstemghu xi xhieda, hu kien qal testwalment hekk (fols. 26 u 27) :-**

"Irrid nghid ukoll Sur Magistrat illi jiena kien ukoll giet a konjizzjoni tieghi dan l-ahhar illi s-Sur Gafa' kien fuq il-post tax-xoghol tieghu, u dana x'qed jghid hu lili, illi l-imputat kellu argument iehor fuq il-post tax-xoghol fejn l-imputat stess lis-Sur Gafa' ammetta mieghu verbalment li kien hu l-bniedem li wettaq r-reat odjern ta' din il-kawza , u cioe' li kien hu li haraqlu l-bieb tar-residenza. Dwar dan jiena fi stadju ulterjuri nitlob lis-Sur Gafa' biex jelabora fuq dan il-punt ukoll."

**Hu rilevanti li jigi rilevat li proprju qabel din il-parti tax-xhieda tal-Ispettur, meta l-Ispettur qal *"Pero' irrid***

***nghid illi hemm diversi rapporti maghmula mis-Sur Gafa' fil-konfront ukoll tal-imputat."*** **, Dr. Mario Demarco ghad-difiza interrompa u qal :** ***"Huma mertu ta' din il-kawza pero'?"*** **. L-Ispettur kien wiegeb :** ***"Le. Le huma konnessi fis-sens…"*** **u Dr. Demarco rega' qal :** ***"Imma mhux mertu ta' din il-kawza."***

**Fil-verbal tal-istess seduta tat-12 ta' Jannar, 2001, (fols. 5 u 6) umbaghad jirrizulta li waqt li kien qed jixhed l-Ispettur Saliba , Dr. Demarco ghall-imputat irrileva illi l-unika xhieda permissibbli fil-ligi hija dik relatata direttament mall-kaz . In vista tal-fatt li l-akkuza hija wahda specifika dwar incident li sehh fit-28 ta' Marzu, 2000, kwalsiasi xhieda dwar xi allegati incidenti precedenti li fuqhom l-akkuzat ma ghandu ebda akkuza w qatt ma ttiehdu passi kontrih dwarhom quddiem xi Qorti ohra, mhumiex ta' rilevanza ghal dan il-kaz specifiku w ghaldaqstant mhumiex ammissibbli skond il-ligi.**

**Kemm l-Ispettur Saliba kif ukoll Dr. Chris Cilia ghall-parte civile kienu rregistraw verbali fejn oggezzjonaw ghal dan (fol.6) u taw ir-ragunijiet ghaliex u cioe' li dan il-kaz kien marbut fuq evidenza diretta kif ukoll cirkostanzjali w li l-allegati azzjonijiet ripetuti tal-imputat kienu jiffurmaw parti mill-evidenza cirkostanzjali mertu tal-kawza. Li f'dak l-istadju l-Prosekuzzjoni ma kellhiex tigi inibita milli tressaq tali evidenza cirkostanzjali quddiem il-Qorti li kienet wahda Istuttorja .**

**Il-Qorti Istruttorja kienet umbaghad irrizervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri dwar dan il-punt. Fil-fatt ma jidhirx li qatt inghata xi provvediment jew digriet fir-rigward pero'.**

**Gara' mbaghad li meta fis-seduta ta' wara w cioe' dik tat-8 ta' Marzu, 2001, kien beda jixhed Joseph Gafa', indubbjament xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, wara li kien appena xehed skeletrikament dwar l-incident f' erbatax il-vers tat-traskrizzjoni, hemm verbalizzat li d-depozizzjoni tieghu giet sospiza (fols 40-41) bla ma**

**nghatat raguni ghala kien qed isir dan . Ma jidhirx li dan sar ghax kien sar il-hin jew ghax il-Qorti kienet impenjata f' xi xoghol iehor ghax il-Qorti mbaghad xorta kompliet tisma xhieda ohra wara li twaqqfet ix-xhieda ta' Joseph Gafa',kif jidher mill-verbal a fol.39.**

**Mhux spjegat ghala kienet twaqqfet ix-xhieda ta' Gafa' dak in-nhar fil-verbal, pero' Gafa' pressat in kontroezami ghala ma kienx xehed dwar l-allegata ammissjoni , spjega li dan kien ghax il-Magistrat ma hallitux u kull darba li kien ser isemmi xi fatt mhux tal-incident tat-28 ta' Marzu, 2000, gie imwaqqaf. Din l-ispjegazzjoni ta' Gafa' tista' ssib konfort kemm fil-fatt li d-depozizzjoni tieghu zgur li twaqqfet u li sa dak in-nhar il-Magistrat kienet ghada ma ddecidietx – kif del resto jidher li baqghet ma ddecidiet qatt - x'ser taghmel bl-oggezzjoni tad-difiza verbalizzata fis-seduta precedenti. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti tista' tkun plawsibbli l-ispjegazzjoni ta' Gafa' ghala ma xehedx dwar din l-allegata ammissjoni sa dak l-istadju fil-kompilazzjoni.**

**Id-difiza kompliet tissottometti pero' li anki meta xehed f' seduti sussegwenti, Gafa' xorta baqa' ma semmiex din ic-cirkostanza. Dan hu minnu. Di fatti, meta Gafa' rega' xehed fl-4 t' Ottubru, 2000, (fols. 126-128), nqratlu x-xhieda li kien ta w ma jidhirx li did-darba saret xi oppozizzjoni mid-difiza biex huwa jixhed dwar incidenti precedenti. Di fatti, minghajr ma l-Magistrat ipprovdiet, kif kienet irrizervat li taghmel, hu xehed dwar l-incident tal-4 t'Awwissu 1999 u l-istraxxiku tieghu, dwar l-incident tat-tyres tal-car tal-mara tieghu, dwar id-danni li sofra fl-incendju, l-istima taghhom u kif sewwa l-hsarat. Meta mbaghad rega' xehed l-ahhar darba fl-14 ta' Marzu, 2002 (Fols. 160–161) inqratlu biss ix-xhieda tieghu a fol. 40 u dik li kien ta quddiem il-Profs. Vella a fol. 121 tal-process u kkonfermhom u gharaf lil Saviour Bugeja li hu kien semma f' dik ix-xhieda quddiem l-espert bhala l-imputat prezenti fl-awla. L-incident tal-4 ta' Dicembru, 2000, fejn suppost li saret l-allegata ammissjoni, baqa' ma ssemma xejn pero'. Dan jidher li sfugga**

**ghal kollox kemm l-Ispettur li kien qed jaghmel il-Prosekuzzjoni kif ukoll lill-Ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz meta l-process jigi rinvjat lilu. Minkejja dan, fil-parti espozittiva tal-Ewwel Kap. tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali, jippremetti li kien hemm din l-ammissjoni li qatt ma rrizultat quddiem il-Qorti Istruttorja!**

**Ghalkemm il-Qorti hawn tirraviza nuqqas tal-Prosekutur fil-kumpilazzjoni li jew b'dimentikanza jew b'nuqqas ta' insistenza verbalizzata ma hax il-briga li – kif kien iddikjara li ser jaghmel fl-ewwel seduta tat-12 ta' Jannar, 2001 – jitlob lix-xhud Joseph Gafa' li jelabora dwar l-allegata ammissjoni fi stadju ulterjuri , agir li forsi jista' jigi spjegat – ghalkemm mhux kondonat – bil-mod spezzettat u *"disjointed*" kif ittiehdet id-depozizzjoni ta' Joseph Gafa mill-Qorti Istruttorja, din il-Qorti hija sodisfatta li anki jekk ma kienx xehed dwarha fil-kompilazzjoni, anki ghal ragunijiet li setghu ma kienux jiddependu minnu , Gafa' kien zgur u bil-fors informa lill-Ispettur b' din l-allegata ammissjoni qabel it-12 ta' Jannar, 2001 u cioe' fl-intervall bejn meta allegatament grat fl-4 ta' Dicembru, 2000 u meta xehed dwarha l-Ispettur fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni circa hames gimghat wara. Ghalhekk zgur li din l-allegazzjoni Joseph Gafa' ma harigx biha l-ewwel darba quddiem din il-Qorti.**

**Tibqa' pero' l-*vexata questio* jekk , stante c-cahda kategorika taghha da parti tal-akkuzat u l-fatt li ma nstemghet minn ebda xhud indipendenti , ghandux jitwemmen Joseph Gafa' li jghid li semaghha jew l-akkuzat li jichad li qalha, u f' kaz li jitwemmen Gafa', jkunx** "safe" **li wiehed joqghod fuqha biex isib htija fl-akkuzat.**

**Il-Qorti rriflettiet fit-tul hafna dwar dan il-punt krucjali tal-allegata ammissjoni tal-akkuzat u xorta wahda ghad ghandha dak il-**"*lurking doubt*" **jekk din hix vera jew tentattiv ta' Gafa' biex jorbot il-kaz kontra l-akkuzat. Kif gja ntqal ammissjonijiet li ma jsirux quddiem l-awtorita' investigattiva jew gudizzjarja jridu**

**jitqiesu** “with much *caution*” **u prudenza kbira. Dan jintqal partikolarment meta l-persuna li tkun qed tallega l-ammissjoni , tkun il-parti leza li jkollha kull interess li tipprova l-htija tal-akkuzat.**

**Inoltre din l-ammissjoni hija kontradetta, apparti mic-cahda tal-akkuzat, minn evidenza ohra li gejja kemm mix-xhud tal-prosekuzzjoni Raymond Muscat kif ukoll minn mart l-akkuzat Doreen Bugeja. Dawn it-tnejn li taw alibi lill-akkuzat tul il-hin kollu li fih setghu gew kommessi r-reati ma gewx attakkati mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti bhala xhieda li ma’ ghandhomx jigu emmnuti, la b’domandi w lanqas b’sottomissjonijiet fil-kors tat-trattazzjoni. Ghalhekk dan jinkwadra ruhu proprju f’dak il-principju fuq citat fejn ikun hemm** “other evidence…incompatible with the confession.” **u li tista’ twassal biex konfessjoni ma tigix accettata.**

Di piu’ wiehed bil-fors li jistaqsi kemm hu verosimili li persuna li tkun cahdet kategorikament mall-Pulizija – waqt investigazzjoni taht arrest ta’ jumejn - li tkun ikkommettiet reati serji bhal dawk in ezami, li umbaghad tmur hi stess tammettihom mall-parti leza li taf li zgur ser jirreferihom lill-investigatur? Veru li kollox hu possibbli w li l-akkuzat seta’ ghamel dan jew biex jinki w jisfida lil Gafa’, jew biex jipprovokah , jew biex jumiljah b’mod pervers, ghax kien jaf li dak il-hin ma kien qed jismaghhom hadd , pero’ dan fil-fehma tal-Qorti mhux probabbli w wisq inqas gie pruvat li kien hekk minghajr dubju dettat mir-raguni.

**F’dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hija assillata mid-dubju dettat mir-raguni jekk din l-allegata ammissjoni sehhitx jew le w ebda tul ta’ zmien u ebda konsiderazzjoni ma setghet isserhilha rasha li – fl-assenza ta’ provi diretti ohra u fl-assenza ta’ provi indizjarji univoci – tistrieh biss fuqha biex issib il-htija fl-akkuzat.**

**Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti , fil-waqt li :-**

1. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza stante li dan gie rtirat mill- Avukat Generali waqt il-kawza;

**2. Tiddikjara lil Salvatore sive Saviour Bugeja mhux hati tal-akkuzi taht l-ewwel u t-tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza;**

**Konsegwentement, tiddikjara lill-akkuzat mehlus u, jekk mhux detenut ghal xi raguni ohra, tordna li jigi liberat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------